



---

*Kumitat għall-Iżvilupp*

---

**2023/2075(INI)**

22.9.2023

# **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-mard mhux trażmissibbli  
(2023/2075(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Karsten Lucke

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- wara li kkunsidra l-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jiddikjara, b'mod partikolari, li l-Unjoni jeħtiġilha tqis l-oġettivi tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp fil-politiki li hija timplimenta li x'aktarx li jolqtu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tat-30 ta' Ġunju 2017 mill-Kunsill u r-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea dwar "Il-kunsens Ewropew għall-iżvilupp il-ġdid"<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2023 dwar l-implimentazzjoni u t-twettiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Lulju 2023 dwar il-pandemija tal-COVID-19: it-tagħlimiet meħuda u r-rakkomandazzjonijiet għall-futur<sup>3</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2023 dwar il-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp<sup>4</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Ottubru 2021 dwar ir-rwol tal-politika tal-iżvilupp fir-rispons għat-telf tal-bijodiversità fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, fil-kuntest tat-twettiq tal-Aġenda 2030<sup>5</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Ottubru 2015 dwar il-kriżi tal-Ebola: it-tagħlimiet fit-tul u kif jistgħu jiġu msaħħa s-sistemi tas-saħħa fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jiġu prevenuti kriżijiet futuri<sup>6</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Mejju 2021 dwar l-aċċellerazzjoni tal-progress u l-indirizzar tal-inugwaljanzi biex, sal-2030, l-AIDS ma jibqax theddida għas-saħħa pubblika<sup>7</sup>,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp dwar il-proposta għal

---

<sup>1</sup> ĠU C 210, 30.6.2017, p. 1.

<sup>2</sup> Testi adottati, P9\_TA(2023)0250.

<sup>3</sup> Testi adottati, P9\_TA(2023)0282.

<sup>4</sup> Testi adottati, P9\_TA(2023)0071.

<sup>5</sup> ĠU C 132, 24.3.2022, p.2.

<sup>6</sup> ĠU C 355, 20.10.2017, p. 2.

<sup>7</sup> ĠU C 15, 12.1.2022, p. 1.

regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2022 dwar l-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2115 (COM(2022)0305),

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Ġunju 2023 dwar l-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel u r-reżiljenza fit-tul tal-agrikoltura tal-UE<sup>8</sup>,
- wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2022 dwar l-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2115 (COM(2022)0305),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Novembru 2022 bit-titolu “Strateġija tal-UE għas-Saħħa Globali – Saħħa Aħjar għal Kulħadd f’Dinja li qed Tinbidel” (COM(2022)0675),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 bit-titolu “Strateġija “Mill-Għalqa sal-Platt” għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent” (COM(2020)0381),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 intitolata “Il-Patt Ekoloġiku Ewropew” (COM(2019)0640),
- wara li kkunsidra r-Risoluzzjoni tan-NU 68/300 tas-17 ta' Lulju 2014 bit-titolu “Dokument Konklużiv tal-laqgħa ta' livell għoli tal-Assemblea Ġenerali dwar ir-rieżami u l-valutazzjoni komprensivi tal-progress miksud fil-prevenzjoni u l-kontroll ta' mard mhux trażmissibbli”,
- wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni Globali 2013-2020 tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) tas-27 ta' Mejju 2013 li ġie estiż sal-2030,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Politika 66/2 tan-NU tal-24 ta' Jannar 2012 tal-laqgħa ta' livell għoli tal-Assemblea Ġenerali dwar il-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard mhux trażmissibbli,
- wara li kkunsidra r-rapport tad-WHO tas-16 ta' Frar 2023 bit-titolu “A clinical case definition of post-COVID-19 conditions in children and adolescents by expert consensus” (Definizzjoni tal-każ kliniku tal-kundizzjonijiet ta' wara l-COVID-19 fit-tfal u fl-adolessenti, skont kunsens ta' esperti),
- wara li kkunsidra r-rapport tad-WHO tas-6 ta' Ottubru 2021 bit-titolu “A clinical case definition of post-COVID-19 conditions by a Delphi consensus” (Definizzjoni tal-każ kliniku tal-kundizzjonijiet ta' wara l-COVID-19, skont kunsens ta' Delphi),
- wara li kkunsidra r-Rapport 49/43 tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-dritt għall-ikel, Michael Fakhri, tat-30 ta' Diċembru 2021 bit-titolu “Seeds, right to life and farmers’ rights” (Żrieragħ, dritt għall-ħajja u drittijiet tal-bdiewa),
- wara li kkunsidra r-Rapport 46/33 tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-dritt għall-

---

<sup>8</sup> Testi adottati, P9\_TA(2023)0238.

ikel, Michael Fakhri, tal-24 ta' Diċembru 2020 bit-titolu "Right to food" (Dritt għall-ikel) (A/HRC/46/33),

- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 39/12 tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU tat-28 ta' Settembru 2018 dwar id-Drittijiet tal-Bdiewa u ta' Persuni Oħra li Jaħdmu f'Żoni Rurali ,
  - wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 61/295 tan-NU tat-2 ta' Ottubru 2007 dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni,
- A. billi d-dritt li wieħed igawdi l-ogħla standard possibbli ta' saħħa fiżika u mentali huwa dritt fundamentali tal-bniedem li huwa konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 25 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem; billi dan id-dritt qed jiġi miċħud lil aktar minn għoxrin fil-mija tal-popolazzjoni tad-dinja; billi l-Artikolu 35 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jappella għal livelli għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet kollha tal-Unjoni; billi l-mard mhux trażmissibbli, jew il-mard kroniku, huwa l-kawża tal-mewt ta' 41 miljun persuna fis-sena u jammonta għal 74 % tal-imwiet kollha fil-livell dinji; billi n-nies fin-Nofsinhar Globali huma affettwati b'mod sproporzjonat, u skont l-estimi tad-WHO, 77 % tal-imwiet prematuri kollha minn mard mhux trażmissibbli jseħħu f'pajjiżi b'introjtu baxx u medju (LMICs); billi l-mard mhux trażmissibbli spiss ikun marbut ma' diżabilità kronika relatata mal-mard; billi l-SDG 3 jitlob li tiġi żgurata ħaġġa sana u li jiġi promoss il-benesseri għal kulħadd f'kull età. billi l-mira 3.4 tal-SDG dwar il-mard mhux trażmissibbli u s-saħħa mentali, li hija interkonnessa mal-SDGs lil hinn mill-SDG 3, għandha l-għan li tnaqqas b'terz il-mortalità prematura mill-erba' raggruppamenti ewlenin tal-mard mhux trażmissibbli: mard kardjovaskulari, kanċer, mard respiratorju kroniku u dijabete;
- B. billi l-mard trażmissibbli jista' jkollu konsegwenzi kroniċi mhux trażmissibbli, u u din hija r-raġuni l-għala hemm bżonn li jittejjeb l-aċċess għad-dijanjożi, it-trattament u l-kura tal-mard mhux trażmissibbli fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; billi l-multimorbidity, inklużi l-infezzjoni tal-HIV, id-dijabete, l-ipertensjoni, il-kanċers u l-kundizzjonijiet respiratorji kroniċi, kienet fattur ta' riskju partikolari matul il-pandemija tal-COVID-19; billi l-programmi tas-saħħa kompartmentalizzati ma kinux ta' għajnuna għal persuni li diġà jbatu minn mard mhux trażmissibbli; billi t-trattamenti speċjalizzati għandhom jiġu integrati fil-kura tas-saħħa primarja u fis-sistemi tal-kura tas-saħħa nazzjonali sabiex ikunu adatti għal pandemiji futuri u l-konsegwenzi kroniċi tagħhom; billi l-persuni bl-HIV/AIDS huma f'riskju konsiderevoli li jieħdu COVID fit-tul (riskju erba' darbiet akbar), b'mod partikolari dawk b'indeboliment newrokonjittiv; billi s-sigurtà tas-saħħa globali mhux biss trid tqis it-theddida immedjata ta' mard infettiv, iżda trid tindirizza wkoll it-tbatija kronika fit-tul bħala konsegwenza ta' dan; billi l-interazzjonijiet bejn mard trażmissibbli u mard mhux huma kumplessi u spiss jippreżentaw fatturi ta' riskju kondiviżi; billi l-koeżistenza ta' mard mhux trażmissibbli u mard trażmissibbli twassal għal żieda fil-morbidity, b'mod partikolari fl-LMICs;
- C. billi l-pajjiżi li qed jiżviluppaw jiffaċċjaw restrizzjonijiet serji fil-finanzjament tal-kura tas-saħħa, b'mod partikolari fir-rigward tal-mard mhux trażmissibbli; billi l-mard post-infettiv, jew is-sindromi ta' infezzjoni post-akuta (PAIS), ilhom magħrufa għal żmien twil u jikkawżaw diżabilità kronika wara l-influenza, l-Ebola, id-dengue, il-poljo, iċ-

chikungunya, il-virus Epstein-Barr jew il-mono-nukleożi, il-borreljożi jew il-marda ta' Lyme, il-giardiasis jew il-lambliasis u oħrajn; billi l-PAIS kollha, minkejja li huma kkawżati minn aġenti infettivi differenti, għandhom profili tas-sintomi simili għal xulxin; billi t-trikkib tas-sintomi f'dawn il-PAIS kollha, b'mod partikolari l-iżvilupp tal-enċefalomijelite mijalġika/sindromu ta' għeja kronika (ME/CFS), jissuġġerixxi patoġenesi komuni; billi l-attenzjoni u l-finanzjament għar-riċerka dwar dawn il-konsegwenzi kroniċi mhumiex rikonoxxuti biżżejjed u mhumiex riċerkati biżżejjed; billi l-malarja twassal ukoll għal mard post-infettiv li jista' jiġi deskritt bħala stat infjammatorju kroniku b'similaritajiet mal-ME/CFS; billi xi pazjenti jiżviluppaw is-sindromu post-newroloġiku ta' malarja; billi ż-Żika tikkawża sintomi kroniċi billi tippersisti f'forom latenti, u tikkawża mard post-infettiv; billi l-PAIS kisbu saħansitra aktar rilevanza mill-pandemija tal-COVID-19, peress li l-COVID fit-tul, jew il-konsegwenzi post-akuti tas-SARS-CoV-2 (PASC), huma marda post-infettiva li taffettwa mill-inqas 65 miljun persuna fil-livell dinji; billi għadd sinifikanti ta' pazjenti b'COVID fit-tul jiżviluppaw ukoll ME/CFS u jkollhom similaritajiet ma' pazjenti oħra b'PAIS; billi l-COVID fit-tul waħdu jżid piż sostanzjali għas-sistemi tal-kura tas-saħħa globali u għall-ekonomiji nazzjonali; billi għalkemm l-pandemija li jmiss aktarx jiġu segwiti minn PAIS u l-istrateġija tal-UE għas-saħħa globali tal-2022 la tindirizza l-COVID fit-tul u lanqas il-PAIS b'mod ġenerali; billi l-PAIS ma jistgħux jitqiesu "mard rari" minħabba l-prevalenza ġenerali tal-ME/CFS waħedha u ċertament mhux mill-bidu tal-prevalenza għolja ta' COVID fit-tul; billi l-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE għandha tiffoka fuq approċċ komprensiv u integrat li jindirizza l-fatturi ta' riskju u d-determinanti multipli ta' mard mhux trażmissibbli fil-pajjiżi sħab, filwaqt li jitqiesu wkoll il-fatturi soċjali, ekonomiċi u ambjentali li huma rilevanti għal kull kuntest speċifiku; billi l-kopertura universali tas-saħħa hija fattur importanti fil-prevenzjoni u t-trattament ta' mard mhux trażmissibbli;

- D. billi l-mard mhux trażmissibbli huwa marbut mal-faqar peress li jimpedixxi inizjattivi intiżi għat-tnaqqis tal-faqar billi jżidu l-ammont tal-ispejjeż tal-unitajiet domestiċi għall-kura tas-saħħa; billi t-trattamenti għal mard mhux trażmissibbli għandhom it-tendenza li jinvolvu trattament fit-tul li jista' jkun diffiċli biex jiġi aċċessat u li jkollu impatt sinifikanti fuq il-baġits tal-unitajiet domestiċi; billi l-mard mhux trażmissibbli mhuwiex marbut biss mal-mortalità eċċessiva, iżda wkoll mal-effetti tal-morbożità, id-diżabilità relatata mal-mard kroniku u żieda fil-piżijiet soċjoekonomiċi fuq l-individwi u l-familji, inkluż il-faqar minħabba t-trattament fit-tul u l-ispejjeż tal-kura u t-telf tal-produttività; billi dan jhedded b'mod konsiderevoli d-dħul tal-unitajiet domestiċi u jfixxkel l-ekonomiji nazzjonali, u b'hekk il-mard mhux trażmissibbli jsir fattur li jikkontribwixxi għall-faqar u l-ġuħ;
- E. billi l-ġuħ ta' kura, prevenzjoni u trattament adegwati għall-pazjenti b'mard mhux trażmissibbli jfisser li jridu jiġu indirizzati ħafna sfidi, bħal aċċess inadegwat għall-kura medika, il-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa u l-professjonisti tal-kura tas-saħħa, kif ukoll defiċits fl-istrutturi tal-kura tas-saħħa, b'mod partikolari fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; billi l-pandemija tal-COVID-19 esponiet l-investiment insuffiċjenti fil-forza tax-xogħol tal-kura tas-saħħa u wriet kemm is-sistemi tas-saħħa ma kinux ippreparati biex jirrispondu għal kriżi tas-saħħa globali; billi s-sistemi tas-saħħa tal-LMICs jiffukaw fuq mard akut minħabba d-dgħufijiet tagħhom; billi, b'riżultat ta' dan, il-perkors ta' pazjent spiss ikun ikkaratterizzat minn lakuni, jew fil-fażi dijanjostika, jew matul it-trattament, jew minħabba nuqqas ta' aderenza mat-terapija; billi l-prevenzjoni ta' spiss hija nieqsa

f' dawk is-sistemi; billi l-pandemija tal-COVID-19 poġġiet pressjoni dejjem akbar fuq is-saħħa mentali, speċjalment fost iż-żgħażaġh u dawk li diġà jbatu minn mard mentali;

- F. billi l-Għanijiet Globali għall-Iżvilupp Sostenibbli jinkludu l-ġlieda kontra l-faqar, inkluż l-aċċess għall-ħtiġijiet bażiċi tal-bniedem tas-saħħa, l-eliminazzjoni tal-ġuħ, inkluż l-istabbiliment ta' produzzjoni sostenibbli tal-ikel, u l-benesseri, inklużi sistemi tas-saħħa aħjar u aktar aċċessibbli biex tiżdied l-istennija tal-għomor; billi s-sigurtà tal-ikel u l-edukazzjoni għandhom impatt sinifikanti fuq is-saħħa fil-qasam tal-mard mhux trażmissibbli; billi, b'mod ġenerali, barra mill-infezzjonijiet u l-fatturi ta' riskju tal-imġiba interkonnessi ma' fatturi soċjoekonomiċi, skont id-WHO, it-tibdil fil-klima, it-tniġġis tal-arja u l-mard mhux trażmissibbli jirrappreżentaw uħud mill-aktar theddid serju għas-saħħa globali, u huwa għalhekk li l-approċċ Saħħa Waħda jeħtieġ li jsir fattur determinanti fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra r-riskji għas-saħħa;
1. Jinsab imħasseb ħafna dwar il-prevalenza għolja ta' mard mhux trażmissibbli bħala kawża ta' rata eċċessiva ta' mortalità u morbidità; jissottolinja l-fatt li l-mard mhux trażmissibbli ma jingħatax attenzjoni adegwata globalment u jwassal għal konsegwenzi partikolarment gravi fl-LMICs; jissottolinja l-fatt li s-saħħa b'mod ġenerali u s-sigurtà tas-saħħa globali jeħtieġu aktar attenzjoni politika u appoġġ finanzjarju b'enfasi speċjali fuq il-mard mhux trażmissibbli, b'mod partikolari peress li jistgħu jkunu mistennija aktar pandemiji b'mard kroniku post-infettiv; jistieden lill-UE taħdem b'mod attiv flimkien mad-WHO u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti oħra u ssir attiva fil-livell internazzjonali f'dan ir-rigward, sabiex tiggarrantixxi approċċ xieraq u koordinat; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tappoġġja lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jilhqnu d-disa' miri volontarji tan-NU u tad-WHO sal-2025, kif ukoll il-mira ta' żvilupp sostenibbli 3.4, li għandha l-għan li tnaqqas il-mortalità prematura minn mard trażmissibbli b'terz sal-2030 u tippromwovi s-saħħa u l-benesseri mentali;
  2. Jilqa' l-istrateġija tas-saħħa globali tal-Kummissjoni tal-2022 intitolata "Saħħa Aħjar għal Kulħadd f'Dinja li qed Tinbidel", li tenfasizza b'mod partikolari l-Prinċipju ta' Gwida 2 li jippromwovi approċċ komprensiv, inkluż l-aċċess ekwu għas-servizzi tas-saħħa, il-prevenzjoni tal-mard, it-trattament ta' kwalità affordabbli, ir-riabilitazzjoni u l-kura palljattiva għall-ġlieda kontra l-mard trażmissibbli u mhux trażmissibbli; jinnota li huwa meħtieġ approċċ unifikat u integrat biex jitnaqqas il-piż tal-mard mhux trażmissibbli; jissottolinja l-fatt li l-prevalenza ta' mard mhux trażmissibbli tista' titnaqqas b'70 % permezz tal-kura tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard biss;
  3. Jissottolinja r-relazzjoni bidirezzjonali bejn il-mard trażmissibbli u mhux trażmissibbli, kif deher matul il-pandemija tal-COVID-19, b'mod partikolari f'pajjiżi bi prevalenza għolja ta' HIV/AIDS; jistieden lill-Kummissjoni tintegra programmi kompartmentalizzati fil-kura tas-saħħa primarja, kif issuġġerit mir-rapport tal-NCD Countdown 2030 ippubblikat fl-2022<sup>9</sup>; jenfasizza, għalhekk, ir-rwol importanti ta' punti ta' kura interdixiplinari u l-ħtieġa tagħhom; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jappoġġjaw lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-isforzi ta' riċerka u għbir ta' data biex jifhmu aħjar il-prevalenza, il-fatturi ta' riskju u l-impatt tal-mard mhux trażmissibbli f'popolazzjonijiet differenti, sabiex jippermettu t-teħid ta' deċiżjonijiet fuq il-bażi ta' evidenza u t-tfassil ta' interventi mmirati; jissottolinja l-ħtieġa li jitfasslu u jiżdiedu s-

<sup>9</sup> NCD Countdown 2030 huwa sforz kollaborattiv mid-WHO, l-NCD Alliance, l-Imperial College u The Lancet. L-NCD Countdown jippubblika rapporti biannwali.

soluzzjonijiet għal popolazzjonijiet b'riskju għoli, b'riżorsi limitati u marġinalizzati;

4. Jenfasizza ż-żieda f'daqqa fil-PAIS wara l-infezzjonijiet tal-COVID-19, li f'dan il-każ jissejħu wkoll COVID fit-tul; josserva li l-PAIS iseħħu wkoll wara infezzjonijiet batteriċi, virali u parassitiċi oħra, inklużi l-mono nukleożi, il-marda ta' Lyme, l-Ebola, il-poljo u l-influenza; ifakkar li l-patoġenesi tal-PAIS hija marbuta mal-ME/CFS; jinsab imħasseb li minkejja l-fatt li sal-lum 65 miljun persuna sofrew minn COVID fit-tul u minkejja l-pessjoni ta' infezzjoni mill-ġdid u r-riskju ta' pandemiji futuri, l-istrateġija tas-saħħa globali tal-2022 la tindirizza l-konsegwenzi post-akuti tas-SARS-CoV-2 u lanqas tal-PAIS b'mod ġenerali; jistieden lill-UE, abbażi tat-tagħlimiet meħuda mill-pandemija, tagħmel il-PAIS prijorità u tiżviluppa strateġija tal-UE għall-PAIS, simili għall-pjan tal-Ewropa biex jingħeleb il-kanċer u l-istrateġija tal-UE dwar is-saħħa mentali, u testendi l-istrateġija PAIS għas-sigurtà tas-saħħa globali, inkluż fl-implimentazzjoni tal-istrateġija tas-saħħa globali;
5. Jenfasizza li l-kost uman u finanzjarju tal-mard mhux trażmissibbli huwa mistenni jiżdied, minħabba l-fatt li dawk li jbatu minnu huma wkoll aktar probabbli li jiġu affettwati minn mard ieħor; jistieden lid-WHO tipprovdi aktar finanzjament għar-riċerka u l-iżvilupp ta' vaċċini u mediċini għall-mard mhux trażmissibbli u tiffaċilita l-aċċess għal farmaċewtiċi essenzjali li jkunu affordabbli; ifakkar li r-riżorsi tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali jistgħu jintużaw ukoll fil-kura tas-saħħa; ihegġegħ lill-UE tistabbilixxi programmi biex tindirizza l-mard mhux trażmissibbli kroniku u sever billi tiżgura li l-mediċini, it-teknoloġiji u d-dijanjożtika essenzjali jkunu kemm disponibbli kif ukoll aċċessibbli fl-isptarijiet distrettwali;
6. Jissottolinja l-hteġa ta' innovazzjoni teknoloġika u organizzattiva, kif ukoll kooperazzjoni multilaterali dejjiema u kkoordinata; jinnota li l-Prinċipju ta' Gwida 2 tal-istrateġija għas-saħħa globali għandu l-mira li jiżgura li l-vaċċini, it-trattamenti u d-dijanjożtiċi innovattivi għal mard infettiv u mhux trażmissibbli ġdid, prevalenti jew ittraskurat jiġu żviluppati u użati, anki permezz ta' finanzjament minn Orizzont Ewropa u s-Sħubija għall-Provi Kliniċi bejn Pajjiżi Ewropej u Pajjiżi fil-Fażi ta' Żvilupp tas-Saħħa Globali UE-Afrika (EDCTP3) għar-riċerka, il-bini tal-kapaċitajiet u t-tiżiħ tal-ambjent regolatorju fl-Afrika sub-Saħarjana; jitlob li t-Tim Ewropa jimplementa dan l-approċċ, b'enfasi fuq il-mard mhux trażmissibbli;
7. Ifakkar fil-prevalenza għolja tal-PAIS fil-pajjiżi tan-Nofsinhar Globali; jitlob li jiġu appoġġjati s-sħubijiet ta' kooperazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni farmaċewtika u l-ħolqien ta' networks għall-iskambju ta' data u riżultati tar-riċerka dwar il-PAIS u għall-appoġġ tal-iżvilupp ta' medikazzjoni għall-PAIS kollha; jilqa' s-sħubijiet fit-tul bħal bejn l-Istitut Pasteur de Dakar fis-Senegal u l-Koalizzjoni għall-Innovazzjoni fit-Tħejija għall-Epidemiji (CEPI) u jitlob li Tim Ewropa jippermetti dawn is-sħubijiet anke għall-mard mhux trażmissibbli u b'mod partikolari l-PAIS permezz ta' inizjattivi tal-Global Gateway; jiġbed l-attenzjoni għall-hteġa ta' kondiviżjoni tal-għarfien u l-ġbir tad-data, l-iskrinjar u l-identifikazzjoni bikrija tal-mard u ta' ġestjoni tad-dijanjożi u t-trattament; jenfasizza li mudelli ta' negozju innovattivi jipprovdu l-oportunità li jinħolqu inċentivi għall-pazjenti u l-fornituri tas-servizzi biex ilestu l-programmi ta' prevenzjoni; jitlob il-kooperazzjoni ma' dawk il-pajjiżi mhux tal-UE f'dan il-qasam; jitlob ukoll appoġġ għall-kapaċità tal-produzzjoni farmaċewtika lokali u pubblika fil-



pajjiżi li qed jiżviluppaw;

8. Ifakkar li s-saħħa hija kundizzjoni meħtieġa għall-iżvilupp tal-bniedem; jisħaq fuq il-ħtieġa li jissaħħu s-sistemi tal-kura tas-saħħa fil-pajjiżi sħab u li jiġi pprovdut appoġġ għall-integrazzjoni tal-programmi tal-mard mhux trażmissibbli fis-sistemi nazzjonali modernizzati tas-saħħa pubblika, inkluż billi jsir investiment fi programmi ta' bini tal-kapaċità biex jissaħħu l-ħiliet u l-għarfien tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa, ir-riċerkaturi u dawk li jfasslu l-politika fl-indirizzar tal-mard mhux trażmissibbli; jissottolinja li, b'mod partikolari, l-edukazzjoni u t-taħriġ tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u b'mod partikolari fil-pajjiżi l-anqas żviluppatti (LDCs) jista' jkollhom rwol fit-titjib tal-eżiti tas-saħħa; jistieden, għalhekk, lill-UE tappoġġja l-investiment fl-edukazzjoni u l-ħiliet fil-qasam tas-saħħa fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;
9. Ifakkar li l-prijorità 2 tal-istrateġija tas-saħħa globali Ewropea hija li "ssaħħa is-sistemi tas-saħħa u tavvanza l-kopertura tas-saħħa universali", li hija r-raġuni għaliex jeħtieġ li jiġu mobilizzati fondi pubbliċi addizzjonali u għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-azzjoni preventiva u lid-dijanostika, filwaqt li l-approċċi ċċentrati fuq il-komunità jistgħu jiffaċilitaw dawn l-aspetti;
10. Jenfasizza li l-faqar huwa wieħed mill-kawżi ewlenin u waħda mill-konsegwenzi tal-mard kroniku fit-tul, it-tbatija u l-istigma, li jeskludi lil dawk affettwati mill-opportunitajiet ta' impjeg u jwassal għal iżolament soċjali; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa li ssir aktar enfasi fuq il-mard mhux trażmissibbli fl-assistenza għall-iżvilupp għas-saħħa u fuq l-appoġġ għas-sistemi tal-kura tas-saħħa primarja orizzontali b'mod ekwu li jiżgura l-protezzjoni tar-riskju finanzjarju; jisħaq li l-kura tas-saħħa primarja għandha tkun aċċessibbli u affordabbli għan-nies kollha, li jimplika wkoll titjib fl-infrastruttura tas-saħħa u l-indirizzar tar-restrizzjonijiet fuq l-aċċess għall-mediċini u l-vaċċini; jinsab imħasseb dwar l-investiment fi sptarjiet bi skop ta' qligħ fin-Nofsinar Globali u jitlob li Tim Ewropa jiżviluppa salvagwardji li jiżguraw aċċess ekwu għall-kura tas-saħħa f'każijiet fejn ikunu involuti l-fondi għall-iżvilupp tal-UE; jissottolinja l-fatt li l-appoġġ għall-kura tas-saħħa primarja sabiex tiġi żgurata l-ġestjoni tal-mard mhux trażmissibbli mhuwiex biżżejjed, iżda minħabba l-prevalenza għolja ta' mard mhux trażmissibbli, aktar sensibilizzazzjoni, taħriġ ta' persuni mediċi personali u sehem akbar tal-assistenza għall-iżvilupp għandhom jiġu ddedikati għal mard mhux trażmissibbli;
11. Jitlob li jiġi ffaċilitat l-aċċess għal servizzi tas-saħħa essenzjali u li l-politika tas-saħħa globali tissaħħa fl-oqsma tat-twissija bikrija, il-prevenzjoni u s-sensibilizzazzjoni, bl-għan li jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli relatati mas-saħħa u f'konformità mal-istrateġija globali tas-saħħa li ssegwi approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem sabiex jiġi żgurat l-aċċess minn gruppi vulnerabbli għas-saħħa anke fil-kuntest ta' diżastri naturali jew dawk ikkawżati mill-bniedem u l-impatti tat-tibdil fil-klima; jitlob li dan l-approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem jiġi implimentat, inkluż billi jiġu indirizzati l-mard mhux trażmissibbli u s-sindromi postinfettivi li s'issa ġew traskurati;
12. Jenfasizza l-importanza tal-prevenzjoni tal-mard mhux trażmissibbli; jenfasizza l-ħtieġa li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw jiġu appoġġjati fl-edukazzjoni tal-komunitajiet dwar il-fatturi ta' riskju u l-istrateġiji ta' prevenzjoni għal mard mhux trażmissibbli billi

tinxtered informazzjoni permezz ta' diversi mezzi kredibbli;

13. Ifakkar fl-iskala tal-problema tal-miżinformazzjoni dwar is-saħħa u l-periklu potenzjali għall-ħajja tal-bniedem ikkawżat minn dan, kif deher b' mod ċar matul il-pandemija tal-COVID-19; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja proġetti, għodod u politiki li għandhom l-għan li jiġġieldu l-miżinformazzjoni dwar is-saħħa; jistieden, barra minn hekk, lid-WHO tippromwovi aktar sensibilizzazzjoni u informazzjoni fil-ġlieda kontra l-mard trażmissibbli bħall-kanċer u d-dijabete, kif ukoll fil-prevenzjoni ulterjuri tal-abbuż mis-sustanzi;
14. Jissottolinja l-impatt tal-ambjent tal-ġhajxien fuq is-saħħa u fuq il-prevenzjoni tal-mard mhux trażmissibbli; ifakkar li l-approċċ "Saħħa Waħda" jinsab fl-interfaċċa bejn is-saħħa ekoloġika, dik tal-annimali u dik tal-bniedem; jistieden lill-UE timpenja ruħha għal tfassil u implimentazzjoni fattibbli tal-approċċ Saħħa Waħda fil-livell Ewropew u internazzjonali permezz tad-WHO, l-organizzazzjonijiet reġjonali u l-Istati Membri, b' mod partikolari fin-negozjati relatati mat-trattat dwar il-pandemija ppjanat u l-istrateġija globali tas-saħħa; iħeġġeġ lil Tim Ewropa jiftakar, f'dan ir-rigward, fil-prinċipju tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp kif minqux fl-Artikolu 208 tat-TFUE u jqis l-approċċ Saħħa Waħda fil-programmazzjoni u l-azzjoni fis-settur tas-saħħa, inkluż f'oqsma intersezzjonali bħall-bijodiversità, l-agrikoltura u ambjent ta' ġhajxien b'saħħtu;
15. Jisħaq li t-twettiq ta' "saħħa orizzontali" permezz ta' approċċ olistiku u bbażat fuq id-drittijiet jinvolvi l-indirizzar sħiħ tan-natura multidimensjonali tas-saħħa abbażi tal-approċċ Saħħa Waħda; jinnota bi tħassib kbir li s-sustanzi niġġiesa fl-ambjent għandhom impatt enormi fuq is-saħħa globali, speċjalment fl-LMICs; jistieden lill-UE tassisti lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b' mod partikolari l-LMICs u l-LDCs, fl-għoti ta' prijorità għall-prevenzjoni tal-mard permezz ta' investiment fil-ġestjoni tat-tniġġis, inkluż permezz ta' strateġiji dwar l-aċċess għal enerġiji nodfa, trasport nadif u effiċjenti, il-kontroll tal-emissjonijiet industrijali u l-użu tajjeb tas-sustanzi kimiċi; jinnota li din hija strateġija kosteffettiva ħafna għat-tisħiħ tas-saħħa tal-popolazzjoni, it-tnaqqis tal-piż fuq ir-riżorsi limitati tas-saħħa u l-avvanz tal-iżvilupp nazzjonali.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	20.9.2023
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 14 -: 1 0: 4
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Hildegard Bentele, Stéphane Bijoux, Dominique Bilde, Christophe Clergeau, Ryszard Czarnecki, Mónica Silvana González, György Hölvényi, Rasa Juknevičienė, Karsten Lucke, Erik Marquardt, Janina Ochojska, Michèle Rivasi, Miguel Urbán Crespo, Bernhard Zimniok
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Frances Fitzgerald, Marlene Mortler, Patrizia Toia, Carlos Zorrinho
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Róża Thun und Hohenstein

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

14	+
ECR	Ryszard Czarnecki
PPE	Hildegard Bentele, Frances Fitzgerald, György Hölvényi, Rasa Juknevičienė, Marlene Mortler, Janina Ochojska
Renew	Stéphane Bijoux, Róża Thun und Hohenstein
S&D	Christophe Clergeau, Mónica Silvana González, Karsten Lucke, Patrizia Toia, Carlos Zorrinho

1	-
ID	Bernhard Zimniok

4	0
ID	Dominique Bilde
The Left	Miguel Urbán Crespo
Verts/ALE	Erik Marquardt, Michèle Rivasi

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni